MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 963/2005

**Diane Genovese**

**Vs**

**Josef Borg**

L-attrici ppremettiet li fil-15 ta’ Ottubru 2003 fi Triq Notabile Birkirkara, waqt li l- kienet qed issuq il-vettura taghha Tata bin-numru ta’ Registrazzjoni CBI 971, dahlet fiha il-vettura Ford Fiesta bin-numru ta’ Registrazzjoni GAC 067 misjuqa mill-konvenut.
Premess li dan l-incident sehh minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta’ osservanza tar-regoli tat-traffiku ta’ Josef Borg ;
Premess illi b’konsegwenza ta’ dan l-incident, l-attrici soffriet danni ingenti fuq il-persuna taghha, griehi ta’ natura serja li jwasslu ghal debilita permanenti u li ghalhekk hija soffriet danni attwali kif ukoll danni *lucrum cessans*;

Premess illi l-istess konvenut u l-assikurazzjoni tieghu interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni ta' danni sofferti mill-attrici baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza;
Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex il-qorti m'ghandhiex:
1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Ottubru 2003 fi Triq Notabile Road Birkirkara u ghad-danni konsegwenzjali li garrbet l-attrici bhala rizultat ta' dan l-incident.
2. Tillikwida dawn id-danni permezz ta' periti.
3. Tordna li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lill-attrici dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien mal-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.
Min-naha tieghu l-konvenjut wiegeb li :-
1. ILLI t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx b'xi tort tal- konvenut izda sehh unikament tort ta' Diane Genovese u minhabba imperizja , traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. ILLI fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-incident kien wiehed minimu ghall-ahhar, tant illi l-vettura illi kienet qed isuq l-attrici (CBI 971), soffriet hsarat illi kellhom valur ta' €361.40 biss. U kwindi d-dizabilta permanenti allegatament sofferta mill-attrici hija inkonsistenti mad-dinamika ta' l-incident, u konsegwentement l-attrici ghandha tipprova l-kawzalita u n-nexus ta' l-allegata debilita' permanenti taghha mal-incident awtomobilistiku mertu tal-kawza;
3. ILLI subordinatament ghat-tieni eccezzjoni, u bhalma jirrizulta mic-certifikat irrilaxxjat mit-tabib kirurgu Charles J. Grixti, u ezebit mill-attrici bhala Dok. DG.1, l-attrici kienet diga involuta f'incident awtomobilistiku simili fil-21 ta' Frar, 2003, u cjoe inqas minn tmien (8) xhur qabel l-incident mertu tal-kawza odjerna; u ghalhekk l-attrici ghandha tipprova illi d-debilita permanenti minnha reklamata giet ikkawzata unikament u esklussivament

mill-incident mertu tal-kawza odjerna u minn ebda incident iehor precedenti;

4. ILLI inoltre, u minghajr pregudizzju ghal premess l-attrici diga thallset is-somma ta' elfejn, disa' mija u sitta u hamsin Lira u hdax-il centezmu (Lm 2,956.11) mis-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance Limited (bhala l-assikuraturi tas-socjeta' Sweetsource Limited, liema socjeta kienet thaddem lill-attrici), liema somma kienet thallset lilha bhala danni *"lucrum cessans"* – u kwindi, f'kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeciedi illi l-konvenut kien jahti *in toto* jew *in parte* ghall-incident in dezamina, din is-somma ghandha titnaqqas mill-ammont ta' danni li jista hekk jigi llikwidat minn dina l-istess Qorti;

L-attrici qeghda titlob hlas ta' danni li sofriet f'incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Ottubru 2003 gewwa Triq Notabile, Birkirkara. L-attrici ssostni li l-incident sehh tort tal-konvenut li kien qieghed issuq il-vettura Fiesta bin-numru GAC 067 filwaqt li hi kienet qeghda ssuq il-vettura Tata numru CBI 971.

Il-qorti m'ghandix dubju li r-responsabbilta tal-incident hi tal-konvenut. Jirrizulta li l-vettura li kien qieghed isuq baqghet diehla fil-parti ta' wara tal-vettura misjuqa mill-attrici. Hu evidenti li l-konvenut ma kienx qieghed izomm distanza sufficjenti mill-vettura misjuqa mill-attrici. Il-konvenut xehed : *'Kont giex karozzi* ('il boghod) *ghax jien zammejt il-brake, kienet naqra mxarrba t-triq u ma zammitlix'* (seduta tad-9 ta' Mejju 2008). Ghalhekk minhabba li ma kienx qieghed izomm *a safe distance* mill-vettura misjuqa mill-attrici, sehh l-incident.

Ghal dawk li huma danni l-attrici qeghda tippretendi (ara nota prezentata fit-18 ta' Jannar 2006):-

i. €321.45 – **damnum emergens** li jikkonsisti fi spejjez tat-tabib li ghamlilha rapport fuq il-griehi li sofriet u debilita permanenti; €174.70 ghal terapija li tghid li ghamlet f'pool; €7 rapport tal-pulizija u €34 spejjez ghall-prezentata ta' ittra uficcjali.

ii. €32,637 - **lucrum cessans**.

L-attrici tilmenta li mill-incident bdiet issofri minn ugiegh f'ghonqa.

Il-periti addizzjonali (Mr Massimo Abela, Mr Raymond Gatt u Mr Carmel Sciberras), f'rapport li pprezentaw fid-29 ta' Lulju 2010, irrelataw :-
*'Ahna ma nsibu l-ebda sinjal oggettiv li bih nistghu nghidu li s-Sinjorina Genovese qed tbati minn xi dizabilita permanenti. L-istorja dettaljata u l-ezam ma kkonfermax dawk is-sintomi kollha li kienet qed tilmenta minnhom.*
*Hasbitna xi ftit li hadet is-sena kollha li tippermettilha l-ligi industrijali meta l-injury ta' Frar 2003, ghallinqas skond in-nuqqas ta' cervical spine lordosis fuq l-X rays, kienet tidher aktar gravi minn dik ta' Ottubru 2003. Dak in-nhar (Frar) dahlet ghax-xoghol wara ftit granet biss u ghaddielha ghal kollox.*
*Hassbitna wkoll li ghalkemm kellha hafna xoghol ta' computer (fl-impjiegi li kellha wara l-incident) dejjem dehret li kampat sew u ftit li xejn hadet sick leave minhabba f'ghonqha.*
*Is-safar u l-honeymoon fl-Amerika involva tqandil ta' bagalji. Ma lmentatx minn ugigh f'ghonqha f'dawn ic-cirkostanzi.*
*Ghalhekk ahna kkonkludejna li s-Sinjura Mercieca nee Genovese ma tbati minn ebda dizabilita permanenti.'*.
In eskussjoni il-periti addizzjonali ddikjaraw li ma kienux *'konvinti mis-sintomi meta mqabbla mal-ezami.'*. Hu minnu li l-perit mediku *ex parte* (Mr Charles Grixti) u l-ewwel perit mediku (Mr Ivan Esposito) irrelataw li l-attrici qeghda tbaghti minn debilita ta' 8%, pero jibqa' d-dubju meta tara r-rapport tal-periti addizzjonali li eskludew li ddikjaraw li *'ma stajna nsibu l-ebda sinjal oggettiv li bih nistghu nghidu li s-sinjorina Genovese qed tbati minn xi dizabilita permanenti.'*. L-opinjoni ta' esperti, kemm jekk huma *ex parte* jew nominati mill-qorti, hi prova. M'hemmx dubju li f'dan ir-rigward hemm provi konfliggenti. F'dan ix-xenarju l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-attrici tat prova sodisfacenti li l-incident li sehh fil-15 ta' Ottubru 2003 ta lok ghal debilita permanenti, iktar u iktar meta fir-rapport tal-periti addizzjonali jinghad li fi Frar 2003 l-attrici kienet involuta f'incident iehor tat-traffiku fejn sofriet griehi f'ghonqa, u li l-injury li sofriet fl-ewwel incident **kienet iktar gravi** minn dik tal-incident meritu ta' din il-kawza. Ghalkemm il-perit mediku Ivan Esposito irrelata: *'Fir-rigward ta' l-incident li kellha aktar kmieni ma jirrizultax li kellha konsegwenzi*

*permanenti. Tant kemm u hekk li l-attrici tinnega li hasset aktar sintomi wara hmistax-il gurnata.'*, mehud in konsiderazzjoni dak li rrelataw il-periti addizzjonali dwar il-griehi sofferti fl-ewwel incident, ghall-qorti hu difficli tifhem l-asserzjoni li ghamel il-perit mediku Esposito. F'kull kaz fir-rapport tieghu ma ta l-ebda raguni kif jista' jkun li l-ewwel incident ma halla l-ebda konsegwenzi permanenti u li dawn kienu rizultat tat-tieni incident. Il-qorti hi tal-fehma li d-dubju li esprimew il-periti addizzjonali hu altru milli gustifikat.

Ghal dawk li huma danni emergenti l-qorti ser taghti lill-attrici l-ispejjez li ghamlet biex gabret kopja tar-rapport tal-pulizija fl-ammont ta' €7, kif ukoll spejjez li ghamlet mal-Corinthia biex taghmel uzu mill-pool limitatament ghas-somma ta' €116 peress li wahda mir-ricevuti (2 ta' Marzu 2004) inharget ghal *'3 months **couple** pool'*. Spejjez li l-periti addizzjonali jidher li ma jeskludux li kellhom isiru peress li *'jghinu biex it-tessuti rotob ifiqu.'*. Fir-rigward tal-ispejjez relatati mar-rapport ta' Mr Charles Grixti, dan ir-rapport sar ghal finijiet ta' debilita permanenti. Peress li l-qorti kkonludiet li hi tal-fehma li hemm provi konfliggenti dwar dan u m'hijex sodisfatta li l-opinjoni ta' Mr Grixti u ta' Mr Esposito teghleb lil dik tal-periti addizzjonali, dawn l-ispejjez m'ghandux jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda :-**

**1. Tiddikjara li l-incident tat-traffiku li sehh fil-15 ta' Ottubru 2003 sehh unikament tort tal-konvenut.**

**2. Tillikwida d-danni limitatament fis-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin (€123).**

**3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin ewro (€123).**

**Spejjez kollha a karigu tal-attrici peress li d-danni li l-attrici kienet principalment qeghda tippretendi kienu lucrum cessans, liema talba giet michuda**.

Anthony Ellul
Imhallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------